



- (jekk iridu li jitqiesu bħala trasportatur tal-Unjoni wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni) jiżguraw u jiddefendu l-konformita mar-regoli tal-UE, inkluż dwar ir-  
rekwiżit għall-post prinċipali tan-negozju, u s-sjieda u l-kontroll; u
- (jekk ikollhom l-intenzjoni li jitqiesu bħala trasportatur tar-Renju Unit wara tmiem il-  
perjodu ta' tranżizzjoni) jieħdu l-passi ta' prekawzjoni meħtieġa meta jkunu qed  
ibigħu servizzi tat-trasport bl-ajru (jiġifieri servizzi li jikkonċernaw passiġġieri, posta  
jew merkanzija) li jkunu se jiġu pprovduti fl-UE wara tmiem il-perjodu ta'  
tranżizzjoni.

## **1. TRASPORTATORI TAL-AJRU LI JKOLLHOM LIĊENZJA OPERATTIVA MOGĦTIJA MILL-AWTORITÀ TAL-LIĊENZJI TAR-RENJU UNIT**

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008,<sup>6</sup> it-trasport bl-ajru ta' passiġġieri, posta u/jew merkanzija għal remunerazzjoni u/jew kiri huwa soġġett għal liċenzja operattiva mogħtija minn awtorità tal-liċenzji ta' Stat Membru tal-UE.

Il-liċenzji operattivi mogħtija lill-awtorità tal-liċenzji tar-Renju Unit ma jibqgħux validi fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## **2. TRASPORTATORI TAL-AJRU LI GĦANDHOM LIĊENZJA OPERATTIVA MOGĦTIJA MINN AWTORITÀ TAL-LIĊENZJI TA' STAT MEMBRU TAL-UE**

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, liċenzja operattiva teħtieġ li impriża *inter alia*:

- ikollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha<sup>7</sup> fi Stat Membru tal-UE;
- ikollha aktar minn 50 % tas-sjieda mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' Stati Membri; u
- tkun effettivament ikkontrollata mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri.

Il-liċenzji operattivi mogħtija mill-awtoritajiet tal-liċenzji tal-UE ma jibqgħux validi fl-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni jekk id-detentur tal-liċenzja ma jkunx konformi mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-trasport bl-ajru ([https://ec.europa.eu/transport/modes/air\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/air_en)) jipprovdi informazzjoni ġenerali. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

<sup>7</sup> "Post prinċipali tan-negozju" tfisser l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat ta' trasportatur tal-ajru Komunitarju fl-Istat Membru tal-UE li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv, inkluża l-ġestjoni kontinwa tal-airworthiness, tat-trasportatur tal-ajru Komunitarju (l-Artikolu 2(26) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008).

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport